KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 / 2168 0606
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-laqgħa numru tmienja w erbgħin (48) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2015, fis-7:00pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| Skużat: | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet is-seduta u qalet it-talba tal-bidu. Hija qalet li l-laqgħa bdiet tard għaliex kellna laqgħa mal-Perit William Lewis dwar il-ġibjun il-miftuħ u kien propost sit alternattiv ftit piedi bogħod biex ma jitwaqqgħux ħitan tas-sejjiegħ. F'din il-laqgħa fis-sit imsemmi r-residenti kellhom l-opportunita' jitkellmu mal-perit u jesprimu it-tħassib tagħhom dwar il-fatt li qed ifur id-drenaġġ fl-għelieqi u għalhekk il-biża' li dan isib ruħu fl-istess ġibjun. Il-perit issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (is-CEO, is-Sur Wait). Dwar fondi biex jinbena' l-ġibjun, Charlene Zammit qalet illi permezz tal-ERDF hemm prospetti sbieħ illi jiġu ttapjati fondi.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu diskussi punt, punt, emendati mis-Sindku, d-deputat Sindku u l-kunsillieri bl-emendi kollha li xtaqu, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Twaħħal id-*doggy bin* fi Triq San Mikiel.

4. Kien deċiż li ssir laqgħa mal-Kap tal-Iskola is-Sur Wilfred Cassar nhar is-27 ta' Ottubru madwar din il-mejda; dejjem jekk hu ikun jista' dak in-nhar.

5. Is-Sindku qalet li ttaffiet il-problema ta' nuqqas ta' dawl tat-toroq fl-inħawi ta' Triq Valletta quddiem ir-rixtellu tal-bitħa tal-iskola, wara li nxtegħel il-fanal dekorattiv maħdum mill-ħaddiema tal-KLM biex isebbaħ l-inħawi tal-Iskola Primarja.

6. Intemm l-eżerċizzju tal-ftuħ tal-*manholes* tad-drenaġġ biex jintefa' l-valenu tal-ġrieden fihom mill-ħaddiema tad-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali. Dan kien deskritt mis-Sindku bħala proġett pilota f'Malta.

7. Paul Spiteri qal li jinnota illi f'dan il-budget tal-Gvern Ċentrali għas-sena 2016, issemmew il-proposti ta' *solar farms* anke saħansitra f'barrieri. Dan allaċċjah mal-proposta tiegħu li kien semma' sabiex f'Misraħ il-Fidwa jissaqqaf parti mil-parkeġġ u dan jiddawwal b'dawl iġġenerat mil-pannelli tax-xemx.

8. Intbagħtet l-ittra lis-sidien sabiex jittella ħajt mal-plots li qed ikunu kollha mimlija skart u ħerġin il-ġrieden minnhom u wkoll li qed ikunu ta' theddida ta' saħħa għar-residenti li joqgħodu hemm fi Triq iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq Ħal Kirkop. Is-Sindku qalet illi sfortunatament mhux qed insibu rispons permezz ta' dawn l-ittri għaliex tentattivi oħra p.eż fi Triq il-Friefet, fallew.

9. Il-każ ta' skart u ġrieden fi plot fi Triq George Martin kantuniera ma' Triq Monsinjur Alfons Caruana issa hu dikjarat magħluq. Dan minkejja li ninnutaw li kien hemm min saħansitra ppretenda illi l-plot issir parkeġġ pubbliku għall-vetturi meta din hija art privata.

10. Is-SE qal li hu ma' sab l-ebda' rapport li kien ingħata lil Perit Anthony Bezzina dwar il-problema tal-livelli ta' Triq iż-Żurrieq, minkejja li dan jissemma' fl-ittra tal-ex-Sindku, Noel Galea li kien bagħat lis-Sur Alfred Borg fis-17 ta' Lulju 2012. Is-SE ikkonferma ma' Noel Galea li dan infurmah li l-uniku rapport li jiftakar kien dak li ingħata lill-Ombudsman, jiġifieri dak li pprovda l-Perit Bezzina.

11. Sfortunatament il-problema tat-traffiku fl-inħawi tal-ajruport ta' Malta fi Triq Ħal Kirkop ippersistiet minkejja li saru xi tentattivi minn *Transport Malta* biex il-*flow* tat-traffiku jiżdied.

12. Dwar il-kabbani, se nitolbu lill-awtoritajiet sabiex jinfurzaw il-qisien li jagħtu is-sidien stess u jaraw li ma joħorġux 'il barra mil-posta mogħtija mill-KLM.

13. Is-SE spjega lill-kunsillieri illi l-proċedura tal-Korporazzjoni Enemalta hi tali illi l-ewwel issir applikazzjoni PSL (*proposal for street lighting*) wara li tkun iffirmata mill-kuntrattur tagħna, wara li tkun approvata lampa ġdida, titwaħħal mil-kuntrattur tagħna mingħajr ma titqabbad mal-linja u ritratt tal-lanterna jiġi mgħoddi lill-Korporazzjoni Enemalta ma' STL (applikazzjoni għal konnettjar tad-dwal tat-toroq) li tkun ukoll iffirmata mill-kuntrattur tal-KLM. Is-SE għandu jiċċekkja fejn spiċċaw l-applikazzjonijiet ta' Triq il-Friefet u tax-Xatba l-Ħamra.

14. Se niffissaw laqgħa ma *Transport Malta* biex ikunu proċessati t-talbiet antiki tal-KLM. Dan wara illi l-laqgħa mal-Onor Joe Mizzi, l-Ministru tat-Trasport ma seħħitx minħabba strajk dak in-nhar, mix-xufiera tal-*Malta Public Transport.*

15. Dwar il-bitħa li hemm tmiss eżattament mal-Berġa tal-Imqabba, il-KLM kiteb lill-Avukat Ġenerali filwaqt li nnota illi fil-passat jidher li kien hemm bieb (issa magħluq), għaliex għad hemm il-blata tiegħu. Madankollu dan jinfed għat-*toilet* li hemm biswit il-berġa tal-gvern.

**Biss bil-Ħila**

16. Charlene Zammit qalet illi *2 Minds Events* se jkunu qed jipprovdu l-ikel ta' kull tip waqt din l-attivita'. Hija semmiet il-laqgħa li kellna mal-każini tal-banda. Huma xtaqu li l-ikel ikun ukoll mogħti lilhom u mhux ix-xorb biss, filwaqt li kien hemm min qal li Festa Ravjul ma' kienetx suċċess. F'din il-laqgħa s-Sindku qaltilhom illi s-€700 li se jieħu l-

organizzatur ikopru wkoll l-*entertainment,* l-armar tal-palk, is-*sound* u l-kukkanja. Intant il-bottegini tal-każini tal-banda se jkunu qed jieħdu ħsieb id-*drinks*. Kien hemm nuqqas ta' qbil mis-Soċjeta' Santa Marija dwar il-proposta tal-armar tal-palk fi Triq il-Madonna tal-Ġilju. Intant ġie deċiż illi l-palk jintrama' quddiem il-każin ta' Santa Marija għaliex fl-attivitajiet preċedenti ftit resqu nies 'l dik in-naħa tal-pjazza. F'din l-istess laqgħa is-Sindku qalet lil dawk preżenti, illi din is-sena mhux se jkun hemm kumpens mill-Gvern Ċentrali f'sussidju għal din l-attivita' kulturali. Għaldaqstant għandna *budget* ristrett ħafna.

17. Intant se jintalab l-arblu tal-kukkanja lid-dipartiment tal-Kultura u se ngħidu lil każini sabiex jiffurmaw it-timijiet għaliha u se nitolbu lil *Heritage Malta* sabiex tiftaħ il-katakombi tal-Mentna. Bħala preżentaturi issemmew Edwin Gatt u Remenda Borg Grech kif ukoll Patrick Mallia. F'dan il-waqt is-Sindku esebiet il-programm li qed isir għand *Dom Publications* u li se jitqassam fid-djar. Kien hemm suġġeriment illi jkun hemm reklam fuq ir-radjijiet tal-partiti politiċi fl-aħħar ġimgħa qabel l-attivita'.

18. Kien hemm ħafna idejat dwar x'jista jsir fil-futur bħal esebizzjonijiet fl-Isptar il-Qadim, l-involviment tal-ġebla fl-attivitajiet tal-KLM u l-possibilta' illi dwar dan jgħinuna l-*Limestone Heritage*, it-tfassil ta' kalendarju kulturali, l-attivita marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa – il-Passjoni ta' Sidna Ġesu Kristu fit-toroq, id-dekorazzjonijiet tat-toroq tal-Milied, dawk tal-faċċati tad-djar, *Christmas Market* bi *stalls* kemm fis-sala tal-Iskola kif ukoll fit-toroq (il-ħaddiema tal-KLM jistgħu jaħdmu xi wħud minnhom), ir-*Rock Mass* u l-Festa Ravjul. Grace Marie Mallia ipproponiet sabiex wara r-Rockmass jitqassam kafe' b'xejn għal kulħadd u ħelu tradizzjonali tal-Milied.

19. Il-KLM iddiskuta l-attivita' marbuta mal-logħob li se jseħħ fil-*ground* tal-futbol. Hawn ġie deċiż illi jinxtraw trofejiet lill-ewwel it-tieni u t-tielet (grupp ta' ħamsa) u midalji lil kull parteċipant.

20. Kien diskuss l-għoti tad-demm bħala parti mill-programm ta' Jum l-Imqabba. Hawn kien hemm suġġeriment illi jkunu mistiedna diversi persuni saħansitra anke l-kandidati li joħorġu fuq dan id-distrett.

21. Intant dwar il-programm tas-serata Ġieħ l-Imqabba, Charlene Zammit qalet illi l-*Omaggio Circolo Giorgio V* fil-bidu tal-programm mhux f'postu (out of place) għaliex jagħmel is-serata aktar tixbaħ il-programm tal-festa, u hija qalet li aktar jixraqq jindaqq l-Innu tal-Imqabba fil-bidu tas-serata. Paul Spiteri qal illi dan ma fih xejn partiġġjan u nkiteb mis-Surmast tal-Banda David Agius. Is-SE kien mitlub jirriproduċi programmi antiki tal-festa biex l-ewwel nett naraw jekk l-Innu Malti għandux ikun integrat fil-programm ta' din is-sena u wkoll kemm-il innu marbut mal-banda kien qed jindaqq mil-każini fis-snin l-imgħoddija. Kien hemm rimarka illi m'hu se jkun hemm l-ebda' kant fis-serata kollha.

**Punti Oħra:**

22. Paul Spiteri irrapporta qattus mejjet fejn il-*petshop* fi Triq tas-Sejba.

23. Is-SE informa lill-KLM illi bdew il-lezzjonijiet tal-*Maltese Literacy* (minkejja li tfaċċaw biss għall-ewwel lezzjoni tliet persuni) u propju bħal issa beda wkoll il-kors tal-Monasteru u wkoll tal-arti tal-festi mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju fl-Isptar il-Qadim. Dawn tal-aħħar se jkunu mistiedna sabiex jesebixxu ix-xogħlijiet tagħhom fl-attivita' Biss bil-Ħila. Charlene Zammit qalet li tajjeb li ninfurmaw lis-Soċjeta' Sta Marija sabiex jekk ikunu interessati jkunu jistgħu itellgħu *stand* u jesebixxu il-ktieb riċerkat tagħhom fuq il-festi u jkun hemm min jispjega lill-pubbliku f'hiex kienet tikkonsisti ir-riċerka.

24. Peress li ma kien hemm l-ebda appell minn *bidders* oħrajn, inħarġet l-*awarding letter* fuq il-kuntrattur *D-Consulta Ltd* li se jkun l-*accountant* tal-KLM wara li ħa l-offerta għaliex kien l-orħos. Għalhekk fil-jiem li ġejjin se jkun iffirmat il-kuntratt. Intant kien hemm suġġeriment illi fic-*check list* f'kuntratti oħra tista' titneħħa l-*bid-bond.* Is-SE qal li f'dan parikulari peress li l-istima (*budget figure*) kienet għola mit-*treshold*, inkludejna l-bid-bond, skont ir-regolamenti tal-offerti pubbliċi.

25. Grace Marie Mallia talbet għal *double yellow line* bejn l-isqaqien fi Triq il-Lanġasa, issir talba oħra lil Transport Malta sabiex issir *zebra crossing* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju viċin l-istage (biswit Triq il-Barumbara), talba oħra sabiex issir *zebra crossing* fi Triq Santa Katerina bejn Triq San Innoċenzju u Triq Santa Marija, tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ninsistu ħalli ssir sorveljanza aktar fir-raħal minħabba *snatch and grab* li sar dan l-aħħar fuq anzjana (u kopja lill-Ministru), u sabiex isir il-*Buffet Breakfast* fil-lukanda San Antonio nhar l-24 ta' Novembru, 2015.

26. Is-Sindku issuġġeriet li jsir *Week End Break* fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru. Għal dan il-għan se jinġiebu l-kwotazzjonijiet.

27. Paul Spiteri qal li se tinqala' l-bollard ta' Triq San Mikiel kantuniera ma Triq San Bazilju għaliex din qed timpedixxi illi xi ħadd jgħaddi b'vann minn din it-triq tant dejqa u għalqet l-aċċess kompletament.

28. Is-SE kien awtorizzat japplika għat-*temporary supply* tal-armar tat-toroq tal-Milied fil-Pjazza tal-Knisja kif ukoll tal-Presepju fi Triq Karmenu Ciantar. Intant se tintbgħat *purchase order* sabiex il-kuntrattur tad-dwal tat-toroq jerġa' jarma is-siġra tal-Milied fi Ġnien Onġi Onġella u oħra lil kuntrattur tal-ġonna biex jiżbor din is-siġra f'forma ta' *Christmas Tree* (għal ponta).

29. Kienet approvata l-*Purchase Request Form* numru 505.

30. Il-KLM spiċċa l-laqgħa fl-9.40pm u se jiltaqa' nhar it-3 ta' Novembru fl-istess ħin.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 16.11.2015 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku